MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 376/2012

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** (C-2833)
**Vs**
Alexander u Tania mizzewgin **VELLA**

**Il- Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf imressaq fit-12 ta’ April, 2012 li bih is-socjeta’ rikorrenti, ghar-ragunijiet hemm imfissra tablet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tat-30 ta’ Jannar,2006, fl-atti tan-Nutar Joe Cilia (u hawn esebiti bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imharrkin mizzewgin Vella (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b)kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti

sopraindikati, u, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess imharrkin Vella li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilta’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

(ii) Tikkundanna lill-imharrkin mizzewgin Vella flimkien u “in solidum” jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u tmienja u tmenin elf mitejn u zewg euro u hamsa u tletin centezmi (€188,202.35) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ l- imsemmija mizzewgin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “B1 sa B5”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-18 ta’ Jannar, 2012 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimata li naqset li tipprezenta risposta fiz-zmien moghti lilha mil-ligi u hekk baqghet kontumaci;

Rat in-nota mressqa mill-intimat Alexander Vella waqt is-smigh tal-lum, li biha (permezz ta’ mandatarja mahtura minnu ghal dan il-ghan) huwa stqarr it-talbiet attrici kif imressqa mill-Bank attur;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ rikorrenti, b’konferma li l-ebda parti mis-somma mitluba fir-Rikors jew mill-imghax migmugh ma thallsu;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw misthoqqa;

Fil-kontumacja tal-intimata u fuq l-ammissjoni tal-intimat, taqta’ u tiddeciedi billi:

**Tilqa’ l-ewwel talba** tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li sehhet wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tat-30 ta’ Jannar, 2006, billi l-imharrkin naqsu li jhallsu regolarment u fiz-zmien li fih intrabtu li jaghmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess

imharrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-ohrajn li ntrabtu bihom; u billi sehhew bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess imharrkin li jolqtu hazin il-possibilta’ tal-hlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa’ t-tieni talba** attrici billi tikkundanna lill-imharrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ mija u tmienja u tmenin elf mitejn u zewg euro u hamsa u tletin centezmu (€188,202.35) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” taghhom, flimkien mal-imghax legali ulterjuri fuq dik is-somma b’sehh mit-18 ta’ Jannar, 2012 sal-jum tal-hlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imharrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex ihallsu **l-ispejjez tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------